**27 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Aquilina

*versus*

Giuseppe Formosa et.

## Att ta' Konvenju — Obligazzjoni — Terminu — Kondizzjoni

*It-terminu fil-konvenzjonijiet jiddifferixxi mill-kondizzjoni; in kwantu li ma jissospendix l-obligazzjoni, imma biss jirritarda l-eżekuzzjoni tagħha.*

*Jekk att ta' konvenju ta' bejgħ ta' stabili jsir bil-patt li dak il-konvenju jibqa' validu sa ċertu żmien wara li titħallas it-taxxa tas-suċċessjoni dovuta fuq il-wirt tal-awtur tal-vendituri, dak il-patt għandu jitqies bħala terminu; b'mod li l-konvenju jibqa' jseħħ, u ż-żmien stabbilit ma jibdiex jgħaddi, sakemm dik it-taxxa tas-suċċessjoni*

*ma tiġix likwidata u definittivament imħallsa; u l-azzjoni tal-kumpraturi biex jiġi eżegwit il-konvenju hija prematura sakemm ma jkunx sar dak il-ħlas.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi b'att ta' konvenju fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Giuseppe Vella tat-28 ta' Lulju 1955 ġie miftiehem li l-konvenuti kellhom ibiegħu lill-attur porzjoni diviża mit-territorju "tal-Jemma" jew laqam verjuri, li qegħedha fir-Raħal Ġdid, tidħol għaliha minn Għajndwieli Road (dok. A); u billi dan il-konvenju għandu jibqa' ferm u validu sa żmien xahar minn meta tiġi likwidata u mħallsa definittivament it-taxxa fuq il-wirt tal-awtur tal-vendituri; u billi l-konvenuti ma taw ebda nformazzjoni lill-attur dwar jekk u meta ġiet imħallsa l-imsemmija taxxa fuq il-wirt; u billi miż-żmien meta sar l-imsemmi att ta' konvenju għadda żmien biżżejjed biex il-konvenuti jħallsu t-taxxa fuq il-wirt; talab li lill-konvenuti (1) jiġi prefiss żmien qasir u perentorju biex jillikwidaw u jħallsu t-taxxa fuq il-wirt fuq indikata, (2) u fil-każ li t-taxxa ġa ġiet imħallsa għall-insaputa tal-attur, jiġi minn din il-Qorti prefiss żmien biex il-konvenuti jaddivjenu għall-kuntratt definittiv tal-bejgħ fit-termini tal-imsemmi att ta' konvenju; u fin-nuqqas, il-bejgħ stipulat bl-imsemmi konvenju jsir "ope sententiae". Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Settembru 1955;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attur tal-20 ta' Mejju 1959, li biha ċeda t-tieni talba in vista tax-xhieda Craig, u żamm ferma l-ewwel talba;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti li l-konvenju dokument "A", li jinsab fil-fol. 4 tal-proċess, sar bejn il-kontendenti. Il-kontestazzjoni li

tirraġġira ruħha bejniethom hija limitata għall-klawsola jew paragrafu tal-istess konvenju fejn ġie pattwit li "Dan il-konvenju għandu jibqa' ferm u validu sa żmien xahar minn meta tiġi likwidata u mħallsa definittivament it-taxxa fuq il-wirt tal-awtur tal-venditurí". L-għaliex, mentri l-attur irid jinnomina dik il-klawsola bħala "kondizzjoni" fis-sens proprju tal-liġi, il-konvenut, li lil dak il-patt sejjaħlu kondizzjoni fis-sens volgari tal-kelma, qiegħed jitlob li jkun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-eżekuzzjoni tal-konvenju hija intempestiva;

Illi ġie pruvat li l-awtur tal-promittenti venditurí miet fis-sena 1955, u sal-lum, minħabba xi diffikultajiet li qamu, il-likwidazzjoni u l-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni tiegħu għadhom ma sarux. Ix-xhud Craig qal li huma, bla ma nsistew, irrikjedew xi informazzjonijiet minn għand il-konvenuti, li dawn għadhom ma fformewx lill-Uffiċċju tal-Inland Revenue; imma esprima wkoll l-idea li, anki b'dawk l-informazzjonijiet, ir-regolament tat-taxxa jkun jirrikjedi żmien twil sabiex tiġi likwidata, mħabba d-diffikultajiet li ppreżentaw ruħhom fiha;

Ikkunsidrat;

Illi, esposti l-fatti, qabel xejn huwa tajjeb li jiġi determinat x'jimpurtaw il-kliem tal-klawsola msemmija fuq riferiti;

Illi huwa risaput li l-konvenzjonijiet huma attijiet volontarji tal-bnedmin, u jvarjaw skond il-bżonnijiet tal-kontraenti; u għalhekk jassumu karattri diversi, li jinfluwixxu fuq in-natura tagħhom, u fl-istess ħin jiddiversifikaw l-effetti li minnhom jitnisslu. Il-modifikazzjonijiet li jkun jogħġob lill-kontraenti li jippattwixxu fil-konvenzjonijiet tagħhom huma s-suġġett ta' diversi speċi ta' obligazzjonijiet, li għalihom dawn l-aħħar huma suxxettivi;

Illi l-espressjonijiet użati fl-obligazzjoni jew kuntratt iridu jiġu nterpretati skond il-volontà ta' min ikun daħal għalihom, u min jinterpretahom irid isegwi dak li s-sapjenza rumana ssejjaħ "id quod actum est". Minn dawk il-

kliem u penetrazzjoni ta' volontà tal-kontraenti, fl-isfond ta' dak li verament riedu l-istess kontraenti, jista' jitnissel jekk *il-propożizzjoni wżata tikkontjenix "kondizzjoni"*, jew sempliċi "dimostrazzjoni", jew mera "kaġuni", jew "modus", jew sempliċi dilazzjoni. Dan li ntqal huwa l-metodu loġiku-filosofiku ta' eżami sabiex jiġi determinat xi tkun tikkontjeni propożizzjoni wżata mill-kontraenti. Fil-liġi, però, l-art. 1095 tal-Kodiċi Ċivili jindikalna x'inhija kondizzjoni. billi jurina l-modifikazzjonijiet li jaffettawha, u ċjoè "sospensivament", meta tkun tiddependi minn fatt jew event inċert futur li jżomm l-obligazzjoni, jew "riżoluttivament", kemm il-darba l-ġrajja tiġri jew ma tiġrix;

Illi, sabiex modifikazzjoni tista' tissejjah "kondizzjoni sospensiva", irid ikollha l-effikaċja tas-sospensjoni tal-kuntratt; u għalhekk huwa meħtieġ li (a) tkun tirrigwarda ħaġa futura (ara art. 1106 Kod. Civ.); (b) il-kondizzjoni tkun ta' event inċert (idem), li jista' jiġri jew ma jiġrix; (c) il-kondizzjoni trid tkun ta' ħaġa possibbli, leċita u mhux kuntrarja għall-kwoni kostumi; (d) li ma tiddistruġġix in-natura tal-obligazzjoni pattwita;

Illi, mill-banda l-oħra, fl-art. 1113 tal-Kodiċi Ċivili l-liġi tikkontempla l-obligazzjonijiet bi żmien, u fit-tieni nċiż ta' dak l-istess dispost tal-liġi tgħid li ż-żmien jista' jiġi stabbilit sew billi jiġi fissat jum żgur, sew b'riferenza għal ġrajja li għandha tiġri żgur, għalkemm b'jum mhux żgur;

Illi min dan li ntqal fuq jidher ċar kemm it-terminu jiddifferixxi mill-kondizzjoni; in kwantu l-istess terminu ma jissospendix l-obligazzjoni, imma biss jirritarda l-eżekuzzjoni tagħha; *kif. del resto*, jingħad anki fid-Dritt Ruman (L. 46 pr. ff. de verb. obligat.; L. 213 pr. de verb signif.; §2. Instit, de verb. obligat.);

Illi. affermati l-prinċipii legali ġa esposti, u fil-dawl tagħhom, din il-Qorti tħoss li għandha tafferma illi l-klawsola pattwita fil-konvenju, u li ġiet ċitata fuq, ma għandhiex timporta kondizzjoni, imma bensì terminu. Infatti, il-

fatt tal-likwidazzjoni u ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni tal-awtur tal-konvenuti ma jistax jingħad li huwa nċert, u kwindi, fejn ma hemmx event inċert, ma hemmx sospensjoni ta' obligazzjoni u ma hemmx di konsegwenza kondizzjoni; l-għaliex dak il-fatt infallibbilment irid jissuċċiedi. Inoltre, jiġi kunsidrat li l-konvenuti, skond il-promessa vendita msemmija, huma, u kienu mill-ewwel, obligati li jittrasferixxu l-fond imsemmi lill-attur u eredi tiegħu u aventi kawża (l-għaliex kulħadd huwa, skond l-art. 1041 tal-Kodiċi Ċivili, preżunt li jkun ikkuntratta għalieh innifsu, l-eredi tiegħu u l-aventi kawża minnu, fin-nuqqas ta' ftiġi espressa jew patt in kuntrarju, jew skond in-natura tal-ftehim) minn dak inhar stess; u dan l-obligu mhux sejjer jitwieled mal-likwidazzjoni u ħlas tat-taxxa tal-awtur tagħhom. Fi kliem ieħor, il-"vinculum juris" jitnissel mil-l-konvenju u mal-firmazzjoni tiegħu sar jeżisti d-dritt tal-attur li jakkwista "in actis" bħala dritt perfett, mentri kieku dak il-konvenju kien suġġett għal kondizzjoni sospensiva, l-attur kien ikun akkwista l-isperanza ta' dritt, jew, biex ngħidu hekk, dritt imperfett, li, sakemm ma tavverax ruħha il-kondizzjoni tal-event futur u nċert, l-obligu dixxendenti minnu ma jkunx jeżisti realment. Il-likwidazzjoni u ħlas tat-taxxa jiddetermina l-eżegwibbilità tad-dritt perfett li twieled mal-promessa vendita;

Illi, del resto, fl-interpretazzjoni tal-kuntratti għandha tiġi applikata r-regola li l-istess ikunu ntiżi "quantum sonant"; u f'każ ta' dubju, l-istess interpretazzjoni għandha ssir kontra dak li favur tiegħu issir ir-rabta (l-istipulant) obligatorja (ara art. 1052 tal-Kodiċi Ċivili; L.26 ff. de reb. dub.; L.29 de pact.; L99 de verb. obl.). L-istess regola għandha setgħa u forza operattiva għall-kliem u pattijiet kontenuti f'kuntratt jew obligazzjoni; u f'dan il-każ l-obligati (debituri) huma l-konvenuti, mentri l-attur (kreditur) huwa l-istipulant;

Illi kwindi dik il-klawsola hija patt u tekwivali għal terminu ta' pagament, u mhux kondizzjoni fis-sens tal-kelma prettament legali modifikatrii ta' l-obligazzjoni pattwita;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur iċċita in sostenn tat-teżi tiegħu l-art. 1102(2), 1103(2), 1111 u 1120 tal-Kodiċi Ċivili; imma l-istess, fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, ma humiex applikabbli għall-każ. Infatti, ammess "gratia argumenti" li l-klawsola msemmija u in disputa hija kondizzjoni fis-sens legali, u mhux terminu, kif affermat din il-Qorti, l-art. 1102(2), li jikkontempla l-obligazzjoni kuntrattata taħt "kondizzjoni negattiva" bla determinazzjoni taż-żmien, u jipprovdi għall-eżekuzzjoni tagħha ġudizzjarjament meta tkun fil-fakoltà tad-debitur li jadempiha, ma jista' qatt jiġi ravviżat bħala ugwali u identiku għall-patt in disputa; l-għaliex dan huwa konċepit b'mod pożittiv, u mhux bħal l-artikolu li qegħdin insemmu, li jippresupponi l-konċezzjoni ta' patt negattiv. L-anqas jista' jingħad li l-patt in disputa huwa konċepit bħala kondizzjoni negattiva, jew "in non faciendo", li tista' wkoll tiġi mdaħħla taħt l-artikolu msemmi. Kwindi dan l-artikolu, taħt l-ipotesi sottomessa, lanqas japplika għall-każ;

L-istess ħaġa jingħad għall-art. 1103(2) tal-Kodiċi Ċivili, kunsidrat dejjem taħt l-ipotesi li ġie kunsidrat l-ewwel artikolu fuq imsemmi; l-għaliex skond is-sapjenza rumana, li minnha jitnissel (L. 81 §1, ff. de cond. et. dem.; u L. L. 85 §7 ff. de verb. oblig), l-impediment volontarju tad-debitur (li huwa, se maj, il-każ in diżamina), jew tal-eredi (l-għaliex l-istess prinċipju huwa applikabbli għall-attijiet tal-aħħar volontà (L. 161, ff. De R.J.), irid ikun ġie magħmul bl-intent *li jiġi frastornat l-avverament* tal-kondizzjoni — dak li ma ġiex pruvat; l-għaliex ix-xhud Craig qal biss li d-denunzja tal-awtur tal-konvenut kienet u għadha tippreżenta xi diffikultajiet, u għalhekk ma ġietx likwidata; u aġġunġa li huma kienu talbu lill-konvenuti xi informazzjonijiet li għadhom ma ġewx mogħtija mill-konvenuti lid-Dipartiment tat-Taxxi, għalkemm l-istess Dipartiment ma ppressahomx għalihom. Il-fatt li l-konvenuti għadhom ma tawx dawk l-informazzjonijiet, apparti li l-obligazzjoni tal-konvenuti versu l-attur b'hekk ma ġietx newtralizzata, ma *jisvestihomx mid-dritt leġittimu li jieħdu ż-żmien tagħhom* biex dawk l-informazzjonijiet li huma jridu jagħtu jkunu

preċiżi, sabiex il-likwidazzjoni u l-konsegwenzjali ħlas tat-taxxa ikunu skond kif għandhom ikunu, bla diskapitu tagħhom. Kwindi, min qiegħed jeżerċita dritt tiegħu ma jistax, taħt l-ipotesi kontemplata, jingħad li qiegħed jagħmel xi impediment;

Lanqas l-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili ma huwa applikabbli; l-għaliex l-attur ma ppruvax li l-konvenuti naqsu mill-adempiment tal-obligazzjoni tagħhom, l-għaliex iż-żmien għal dak l-adempiment għadu miexi; u fuq il-passaġġ taż-żmien biss qiegħed jilmenta. Del resto, l-attur mhux qiegħed jitlob ir-riżoluzzjoni tal-konvenzjoni minħabba kondizzjoni riżoluttiva taċita, u kwindi l-fakoltà tal-Qorti biex tagħti lill-konvenuti żmien biex jadempixxu hija inopportuna;

Fl-aħħarnett jingħad li lanqas l-art. 1120 tal-Kodiċi Ċivili ma huwa applikabbli; l-għaliex fl-istess konvenju t-terminu ġie fissat bl-indikazzjoni ta' avveniment li jrid jiġri żgur, għalkemm il-ġurnata preċiża meta jrid jissuċċiedi hija inċerta; u dan jaqbel mal-art. 1113(2) tal-Kodiċi Ċivili, fejn hemm maħsub iż-żmien għall-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni;

Illi kwindi t-talba attriċi, kif ristretta u limitata, ma tistax tiġi milqugħa bil-favur; l-għaliex it-terminu għall-eżekuzzjoni tal-konvenju għadu ma skadiex;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tillibera lill-konvenut mit-talba attriċi l-għaliex it-terminu fissat fil-konvenju ma għaddiex u għadu miexi; bl-ispejjeż.